MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2008

Numru 1040/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Francis Tonna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Francis Tonna ta' 59 sena, bin Joseph u l-mejtha Vincenza nee' Bianchi, imwieled Valletta, Malta, fis-27.10.1944, u joqghod 'Villa Frankit', Triq l-Imnarja Dingli, detentur ta' Karta ta' Identita' Nru. 941644(M).

Gie akkuzat talli f’ Dicembru 1998 u fis-snin ta’ qabel, xjentement fil-Gzejjer Maltin laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe’ vettura tal-ghamla Ford Transit ta’ valur ta’ aktar minn elf liri Maltin (Lm 1000), ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar akkuzat talli fl-istess zmien, lok u hin u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku u cioe’ billi ghamel uzu ta’ Number Plate GAB-302 fuq vettura li lilha ma jappartjenux ai termini tal-artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 7 ta’ Marzu, 2006 liema Nota tinsab a fol. 88 tal-Process u nnutat li l-imputat Francis Tonna m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Francis Tonna iddikjara li hu hati tal- akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghat-talba rigward l-Artiklu 533 tal-

Kodici Kriminali maghmula mill-Avukat Generali bin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 7 ta' Marzu, 2006, stante li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur ta' l-imsemmi Artiklu, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija talba. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li stante li ma hemmx oggetti suggetti ghall-konfiska u b' referenza ghall-Dok MC4, li jirrigwarda l-vettura Reg. Nru. GAB304 esebita formalment stante li tali vettura tappartjeni lill-terzi persuni li m'ghandhomx x' jaqsmu ma' dan il-kaz allura m' hemmx lok ghall-konfiska u ghalhekk talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba maghmula mill-Avukat Generali ghall-konfiska a tenur tal-artiklu 23 tal-Kodici Kriminali fl-Artikoli ta' l-istess Avukat Generali mibghuta bin-Nota datata 7 ta' Marzu, 2006.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 183, 184, 334, 31 u 20 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Francis Tonna, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tillibera lill-imputat Francis Tonna taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Francis Tonna ghall-piena ta' hames mija u tnejn u tmenin Euro u erba' u tletin centezmi ta' Euro (Euro 582.34) multa ekwivalenti ghall-mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm 250).

Il-Qorti fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza rigward it-talbiet maghmula mill-Avukat Generali bin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 7 ta' Marzu, 2006 rigward l-Artikli 533 u 23 tal-Kodici Kriminali, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talbiet maghmula a tenur tal-artikoli 533 u 23 tal-Kodici Kriminali mill-Avukat Generali bin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 7 ta' Marzu, 2006.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Francis Tonna l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------